**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 12 – L-Erbgħa 8 ta' Jannar 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-17.30hrs.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa **SEDUTA NRU 11 – Is-Sibt 30 ta' November 2013** fuq proposta tal-Viċi Sindku Magda MagriNaudi u sekondata minn Ms Lorraine Farrugia Kunsillier, dawn ġew approvati unanimament.

2. **ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

**2.1** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia infurmat li waara li kienet ilmentat dwar Triq Preziosi, il warden marru darba biss. Ms Farrugia nfurmat li dawn għandhom jkunu fuq il-beat bejn 7.00-8.00hrs.

**2.2** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia infurmat ukoll li iltaqat ma Dennis u tkellmet miegħu fuq id-dawl. Dennis wegħda li ser issib mezz kif jirranga l affarijiet.

3. Is-seduta tal-Kunsill ġiet sospiża minħabba li Dr Kris Balzan kellu xi affarijiet x'jinforma lill-kunsill.

**3.1** Dr Balzan u l-Kunsill tkellmu dwar il-problema li ma tistax tkompli tal-Kolletur ta' l-iskart. Dan qatt ma aċċetta li jirċievi l-ittra reġistrata meta l-pustier mar bl-ittra d-dar. Il-Kunsill qabel li l-ittra għandha tinġabar mill-uffiċċju tal-Kunsill. Ms Lorraine Farrugia nfurmat li bgħatet ittra lill-Kunsill biex jingħata default notice ieħor lill-kuntrattur.

**3.2** Dr Balzan nforma dwar il-kawza ta' Antenna. Informa l-Kunsill dwar l-affarijiet li ser isiru fis-seduta li jmiss.

4. **KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI**

***4.1 Dr Ian Castaldi Paris- Sindku***

**4.2** ***Ms Lorraine Farrugia***

**4.2.1** Nfurmat li l-kunsill għandu jinforma permess ta ittra lir-residenti ta' Triq id-dejqa biex ineħħu l-pjanti. Għandha tintbgħat ittra biex ninfurmaw lir-residenti.

**4.2.2** Nfurmat li fi Triq Klercu Gakbu Abela hemm bżonn li titwaħħal sign minħabba żibel li qed jintefa. Hemm bżonn ukoll li jitneħħa l-ħaxix ħażin. Hemm bżonn li jsir patching.

**4.2.3** Nfurmat dwar attivita tal-Karnival li tixtieq tagħmel bejn 28 ta' Frar u 1 ta' Marzu 2014. Għandha tibgħat email bl-informazzjoni.

**4.2.4** Nfurmat li l-bozoz li kellhom jiżdiedu għadhom ma sarux.

**4.2.5** Nfurmat li għandna nagħmlu bollards irqaq fejn il-knisja tal-Mirakli li jinqalaw peress li l-karozza qed jostakolaw l-entratura.

**4.2.6** Nfurmat li la darba rotta l- ġdida li ser tmur miż-żona tal-mirakli għandna ninfurmar lil sid l-għalqa ta triq kardinal ferretti kantuniera ma' triq annibale preca biex jneħħi l- ħajt li waqa għax nkella jimblokka triq għal karozza tal-linja.

***4.3 Dr Marc Sant***

***4.3.1*** Nforma dwar il-pjanti li preżenta l-perit tal-Kunsill dwar

***4.3.1.1*** Zebra Crossing fi Triq il-Forn

***4.3.1.2*** Pole għall-bandiera

***4.3.1.3*** Il-Billboard – il-Kunsill għandu japplika.

***4.3.1.4*** Il-Kunsill għandu jitlob lil Perit aktar informazzjoni dwar l-parking ta' Triq Annibale Preca

***4.3.1.5*** Il-proposta ta' Traffic Management f' toroq Massimiliano Debono u Triq Guzeppi Portelli.

***4.3.1.6*** Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta biex jingħata wiċċ ġdid lil Triq Cali. Dan peress li it-triq trid issir għall-ewwel darba.

***4.3.1.7*** Għandhom jitnaddfu l-culverts ta Main street kif ukoll ta' Triq San Andrija.

***4.3.1.8*** Għandha tiġi preparata flyer għal ħarġa ta 12 ta' Frar 2014.

***4.3.1.9*** Saqsa biex għal laqgħa li jmis jingħata update tal-website.

***4.3.1.10*** Tkellem dwar il-bollards ta' Triq il-Kbira.

***4.3.1.11*** Semma li persuna residenti f'Hal Lija li tahdem f'dan il-qasam tixtieq tghin sabiex it-traffic management plan li qed ihejji l-Perit tal-Kunsill ikun wiehed komprensiv u olistiku. Din il-persuna saqsiet jekk il-Kunsill jistax jiffinanzja l-gbir ta' informazzjoni dwar it-traffiku fir-rahal. Qed jistenna iktar dettalji tal-fondi mitluba.

***4.3.1.12*** Semma ittra li ntbaghtet mill-Ambaxxatur ta' Malta ghal Franza dwar Fernand Gregh. Gregh kien awtur, poeta u filosofu Franciz li n-nanniet tieghu kien minn Hal Lija. Fil-fatt gewwa Hal Lija hawn triq li ggib l-isem ta' Fernand Gregh. Dr Sant qal li f'din l-ittra ndirizzata lis-Sindku fit-30 ta' Dicembru li ma kinitx imwiegba, l-Ambaxxatur Vincent Camilleri kien qed jitlob li l-kunsill iqajjem ftit 'awareness' fuq din il-persuna. F'din il-korrispondenza l-Ambaxxatur anki ghamel suggeriment li din setghet issir fil-5 ta' Jannar – l-anniversarju tal-mewt ta' Gregh.

***4.3.1.13*** Ghal darb' ohra talab permess sabiex jitkellem mal-Lija Bocci Club sabiex il-Kunsill u dan il-Club jidhlu fi ftehim fejn il-Club jinghata l-facilita li jiehu hsieb parti mill-gnien hdejn il-pitch tal-bocci. Permezz ta' dan il-ftehim, il-Bocci Club ikunu qed jobbliga ruhu li jiehu hsieb li jibda jiftah u jaghlaq il-pitch iz-zghir tal-football hdejn il-pitch tal-bocci fic-Centru Rikreattiv. Is-Segretarja nfurmat li Dr Sant kien ser jagħmel draft ta' dan il-ftehim.

***4.3.1.14*** Saqsa x'kien ma kienx prezenti l-Ambaxxatur taz-Zghazagh għal din il-laqgha.

***4.3.1.15*** Saqsa jekk il-Kunsill kienx sab min huwa s-sid tal-għalqa faċċata tad-djar li għandhom problema minħabba l-ilma fi Triq tal-Mirakli.

***4.3.1.16*** Semma l-arbli li hemm vicin tal-ground tal-football. Qal li kien mar on site flimkien mal-Contracts Manager sabiex jaraw l-arblu li kien waqa' u raw li anki l-arbli li ghad hemm huma perikoluzi u fi stat hazin.

***4.3.1.17*** Talab li l-Kunsill jitlob li dawk is-siti fejn qed isir l-izvilupp jintalbu sabiex itellaw id-disa' filati kif rikjesti bil-ligi. Dan għaliex ir-raħal qed jigi mkerrah u anki s-saħħa tar-residenti qed tkun mhedda.

***4.3.1.18*** Saqsa jekk kienx hemm xi komunikazzjoni min-naħa tal-Kunsill ta' Hal Balzan dwar l-izvilupp propost fil-Moulin D'Or.

***4.3.1.19*** Semma l-email li giet iċċirkolata madwar il-Kunsilli Lokali kollha dwar 'Taħdidiet Edukattivi fuq is-Saħħa' u saqsa jekk il-kunsill kienx ser jorganizza dawn it-taħdidiet għar-residenti.

***4.3.1.20*** Semma l-bankina barra l-Kunsill u qal li kien tkellem mal-Contracts Manager sabiex din issir.

4.4 *Ms Stephanie Cutajar*

**4.4.1** Xtaqet tkun taf għalfejn il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-seġretarju eżekuttiv.

4.5 *Ms Magda Magri Naudi*

**4.5.1** Nfurmat dwar ix-xogħolijiet li ser isiru f'Naxxar Road minħabba li hi nfurmata li t-traffiku ser jiġi diverted għal ġo Hal Lija.

**4.5.2** Nfurmat li tixtieq li ssir laqgħa ma' l-għaqdiet kollha biex tiġi spjegata s-sitwazzjoni tal-Kunsill.

**4.5.3** Nfurmat li ma taqbel xejn ma' l-inxir barra l-gallariji kif ukoll l-inxir fil-front gardens u fuq il-bankina u għalhekk il-kunsill għandu jadotta l-bye-law ta' San Pawl il-Baħar.

**4.5.4** Nfurmat li l-kunsill għandu jikkuntatja lil persuna li tiproduci l-laring kif ukoll l-marmalade għal Festa taċ-ċitru.

**4.5.5** Nfurmat li min jiġi jesebixxi għandu jagħti donażżjoni ta 30euro. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**4.5.6** Nfurmat li qed isir traffikar ta' drogi u għalhekk il-kunsill għandu jinforma l-għassa biex jieħdu ħsieb din il-problema qabel ma jkun tard wisq.

**4.5.7** Nfurmat li l-bin li hemm in-naħa l-oħra tat-Triq Franco Pellegrini għandu jitressaq ftit.

**4.5.8** Nfurmat dwar problema li hemm nizlin min sigar li jagħtu għat-Triq viċin l-iskola. Dawn is-sigar li jaqbzu fit-triq għandhom jinżabru mill-kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

**5.1** Memo 31/2013 – Tigdid ta' I.D.Cards. il-Kunsill qabel li din tista ssir fl-iskola tal-primarja.

**5.2** Request ghal bankina fi Triq Sant'Andrija quddiem dar no.73 ta' Ms.Bonett. Il-Perit Bezzina diga mar on site u qal li jekk il-kunsill jidecidi li jaghmel bankina trid tkun dejqa kif ukoll minghajr permess tal-Mepa ghaliex mhux talli ma jinghatax il-permess izda jista jkun li jnehhi l-parkegg li hemm facata ta' din id-dar. Il-Kunsill qabel li din għandu jaraha L-Perit tal-Kunsill.

**5.3** Is-Sinjura Anna Pisani (99571606) tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq l-istat li tinsab fiha l-bankina li hemm fi Triq il-Mitħna kantuniera ma' Triq Depiro Gourgion. Is-Sinjura Pisani tixtieq li l-bankina titranga peress li l-istat li qieghda bħalissa hija perikoluża għal min ikun għaddej minn fuqha.

**5.4** Is-Sur Raymond Attard ġabilna CD bir-ritratti li ttieħdu nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 2013 bit-tqassim tar-rigal mingħand Father Christmas. Ir-residenti preżenti staqsew lis-Sur Attard jekk il-Kunsill hux ser ibigħhom. Il-Kunsill qabel li ritratti għandhom iħallsu 1euro għal kull ritratt.

**5.5** Ħafna nies qed isaqsu jekk il-Kunsill għadux bil-ħsieb li jmorru l-Etjopja peress li din kienet ippjanata li ssir x-xhar iddieħel.

**5.6** Arbli perikoluzi bil-ħadid u wires ħergin fi Triq Robert Mifsud Bonnici ezatt ħdejn il-football ground u l-funtana. Il-Kunsill diga kellem lil tal-Football Club u l-Enemalta u tnejn li huma qallu li mhumiex responsabli ghalihom biex jitnehhew. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekja biex jara min jista jgħin lill-kunsill biex dawn jitneħħew.

**5.7** Claim Pantar Rd. Għamel ħsara tyre nhar il-Gimgha 03 ta' Jannar 2013 mal-rcevuta ta' 49.00 ghandu ukoll Police Report. Il-Kunsill qabel li għandu jitħallas dan l-ammont.

**5.8** Mr.Clayton D'Amato gie jara l-problema ta' l-ilma li ghandha Ms. Agius li toqghod Nru.97, fi Triq il-Forn, Hal Lija li joqghod l-ilma quddiem il-bieb taghha u qal li jista jsir patching tajeb biex l-ilma ma joqghodtx.

**5.9** Is- Sur Jimmy Bugeja cempel il-Kunsill biex jerga jirraporta l-hofor enormi li hemm f' Halmann Area biex isir xi haga temporanja qabel ma ssir it-triq. Huwa vera rrabjat u qal li ha jgib dan il-kaz fil-programm ta' Xarabank u fuq l-Internet.

**5.10** Claim ghad-danni (€ 17,161.00) li garbet Ms. Cilia Annelise minhabba re-surfacing ta' Triq Annibale Preca. Ittra Anessa.Il-Kunsil qabel li għandha ssir laqgħa bejn l-Avukat tal-Kunsill Dr Kris Balzan, L-Perit Toni Bezzina u John Rizzo Naudi. L-perit tal-proġett.

**5.11** Pjanta mingħand il-Perit A Bezzina sabiex titpoġġa 'mountable island'; 'hooped barriers' and 'stop sign' fi Triq Giovanni Barbara kantuniera ma' Triq Daniel Sammut.

**5.12** Emejl mingħand is-Sinjura Anna Camilleri sabiex tavża lill-Kunsill ta' Ħal Lija li jixtiequ li l-festival taċ-Ċitru ssir il-Ħadd 2 ta' Frar 2014. Din l-emejl diġa kienet intbagħtet lill-Kunsilliera sabiex ikunu avżati mingħand Gabriella.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

**6.1** Nformat li fil-laqgha li jmis l-Kunsill għandu jara meta ser isiru l-laqgħa għar-residenti u l-għaqdiet.

**6.2** Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill l-performance bonus ta' Impjegati.

i. Gabriella Agius - Segretarja Ezekuttiva 10% - Pro Rata Marzu – Diċembru2013
ii. Georgette Borg – Agent Segretarja Ezekuttiva 10% Jannar u Frar 2013
iii. Georgette Borg – Assistant Principal 6% - Marzu – Diċembru 2013
iv. Jeanette Buhagiar – Executive Officer 6%
v. Dorianne Bonnici Bondin – Executive Officer 6%

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**6.3** Is-Segretarja resqet quddiem il-Kunsill talba biex il-Vacation Leave 2013 ta' l-impjegati kollha jiggedded għas-Sena 2014. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

**7.1** Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Diċembru 2013.

**TMIEM**

Fil- 19.00hrs intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2014.

Dr Ian Castaldi Paris
Sindku

Ms Gabriella Agius
Agent Segretarju